**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Cecil Pace *et*

*versus*

Joseph Camilleri *et*

***Cautio Juratoria*** **- Garanzija bil-Benefiċċju tal-Ġurament - Artikoli 204 u 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ammettiet lill-appellanti għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.*

Il-Qorti:-

L-atturi pproċedew quddiem din il-Qorti b'ċitazzjoni li biha qed jipproponu li jiġu ammessi li jappellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet inversi bil-benefiċċju tal-garanzija a tenur ta' l-artikolu 904 (1) tal-Kap. 12;

Il-konvenuti appellati qegħdin jopponu li jinstema' l-appell jekk ma ssirx il-garanzija għall-ispejjeż skond kif previst fl-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bis-solitu depożitu in kawtela tagħhom u qegħdin jissottomettu li l-atturi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-liġi biex jingħataw il-benefiċċju li qed jitolbu. F'dan ir-rigward din il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tisma' kawżi oħra bil-provi dwar il-mezzi ta' l-atturi u l-possibilità li huma jipproduċu garanzija adegwata kif trid il-liġi. Din il-Qorti ma semgħet f'din il-kawża xejn ta' sustanza li jista' b'xi mod jikkonvinċiha tbiddel id-deċiżjoni li gà ħadet f'ċirkostanzi analogi f'appelli oħra ntavolati mill-atturi odjerni. Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Cecil Pace** *noe vs* **Carmel Abela** *et noe et* (Ċitaz nru. 3C/93), fejn jingħad: "għal dak li jirrigwarda l-element l-ieħor, ċjoè li l-atturi ma jistgħux isibu garanti aħjar milli offrew, dan hu fatt tant notorju ormai f'dawn il-Gżejjer, wara dak li ġara lil Bank of Industry, Commerce and Agriculture Ltd. 1973, li ma jeħtieġ ebda indaġini ulterjuri. Del resto din il-Qorti diġà eżaminat dan il-punt f'każi simili minnha deċiżi li għalihom tista' ssir referenza, **Henry u Cecil Pace** *proprio et nomine vs* **Joseph u Josephine konjuġi Seychell** *et*, ta' l-14 ta' Ottubru, 1994; u ta' l-istess data **Cecil Pace** *vs* **Paul u Antonia Camilleri**. Tista' ukoll issir referenza għal kawżi oħra fosthom: **Cecil Pace** *et vs* **Maria Tanti** *et*, deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 1997;

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar jekk l-atturi appellanti kellhomx jew le *probabilis causa litigandi*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-atturi f'dan l-att taċ-ċitazzjoni. Tiddikjara u tiddeċidi li l-atturi ma rnexxilhomx isibu garanti tajjeb u li ma kinux f'posizzjoni li jipprovdu l-kawtela determinata mir-Reġistratur għall-fini ta' dan l-appell u konsegwentement, tammetti lill-istess atturi għall-benfiċċju tal-garanzija bil-ġurament (artikolu 964 (1) tal-

Kap. 12);

Spejjeż mingħajr taxxa bejn il-partijiet.